StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem :** ________________________ **Il-Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Il-Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marki** | **18** | **28** | **12** | **12** | **30** | **100** |
| **Il-Marki tal-istudent/a** | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| A. Silta għall-qari | (18-il mar[illegible] |
|---|---|

# Bħal tal-qubbajt



Waqaft inħares lejn tal-qubbajt fil-festa tar-raħal. Xwejjaħ kellu plattina f'idejh u beda jħajjar lin-nies li kienu għaddejjin biex iduqu l-qubbajt u wara jixtru xi biċċa. *(par. 1)*

Kien hemm min baqa' għaddej, aljenat lanqas biss ħares lejn il-plattina. Kien hemm min għamel sinjal b'idejh li ma riedx jixtri. Kien hemm min ħares imma ma ppruvax iduq. Imma kien hemm min waqaf u daq u l-ħlewwa tal-qubbajt ħassha tajba u xtara biċċa. U kellu mitt sena sakemm imur id-dar biex jibda jqatta' u jiekol minn dik il-ħlewwa! *(par. 2)*

Meta tiekol xi biċċa qubbajt tibqa' għal ħafna ħin tħoss il-ħlewwa u t-tjubija tal-biċċa li tkun kilt. Jekk tiġik tajba, tikolha waħdek u tibqa' ġġorr il-piż taz-zokkor għal ħafna snin! U jekk il-biċċa qubbajt tkun xi ftit iebsa, tissogra tkisser xi darsa jew il-mili tagħha! U ħoll xagħrek u ġib iż-żejt għall-uġigħ! *(par. 3)*

U bdejt naħseb. Kos, tajjeb kieku l-affarijiet tal-ħajja tista' dduqhom qabel! *(par. 4)*

(addattament minn kitba li dehret f'*RM2000-LilĦbiebna* ta' Marzu 2011)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha: (6)

  i. L-awtur waqaf iħares lejn (l-istatwa, l-arblu, tal-qubbajt).

  ii. Ix-xwejjaħ beda jħajjar lin-nies biex (jixtru l-qubbajt, iduqu l-qubbajt, iduqu u jixtru l-qubbajt).

  iii. Il-qubbajt kien ġo (plattina, basket, kikkra).

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6)

  i. Kien hemm min kien a_______________ u lanqas ħares lejn il-plattina.

  ii. Kien hemm min wera li ma riedx jixtri billi għamel s__________ b'idejh.

  iii. Kien hemm min daq il-ħ_______________ tal-qubbajt.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Wieġeb il-mistoqsijiet:

i. X'tibqa' tħoss meta dduq xi biċċa qubbajt?

______________________________________________

ii. X'jista' jiġrilek jekk il-qubbajt ikun iebes?

______________________________________________

iii. X'nitgħallmu minn din is-silta?

______________________________________________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Erġa' ikteb din is-silta bil-punteġġjatura f'postha. (8)

issa ħallini nagħmel jien qalet tona lil ġużeppi meta ddeċidew li jmorru l-indja

______________________________________________

______________________________________________

2. Qabbel **Kolonna A** ma' **Kolonna B** ħalli tkompli s-sentenzi bħal fl-eżempju: (6)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** | |
|---|---|---|---|
| 1 | Mark | | jew inkella ma toħroġx mal-ħbieb. |
| 2 | Miriam mhix tifla ħażina | | meta morna ngħumu. |
| 3 | Jew tistudja | | għaliex ma kontx niflaħ. |
| 4 | L-ewwel mort *Baystreet* | | kieku rbaħt is-*Super 5*. |
| 5 | Lil ziti rajtha l-aħħar | **1** | u Mario marru l-Belt. |
| 6 | Kont insiefer | | imbagħad dħalt rajt film. |
| 7 | Nhar it-Tlieta ma mortx il-laqgħa | | iżda lanqas hi xi qaddisa. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba bħal fl-eżempju: (6)

i. Żlaqt (fuq, taħt, wara) qoxra ta' banana.

ii. Irbaħna l-logħba għaliex lgħabna (tajba, tajjeb, ħażin).

iii. (Wara, Fuq, Quddiem) xeni bħal dawn tiskanta.

iv. Il-ġuvni weġġa' (serju, serjament, serjissimu).

v. Xogħol li jsir kif (mar mar, ġie ġie, sejjer sejjer) ma jservi għalxejn.

vi. F'din is-sala (hawn, hemm, hemmhekk) ħafna umdità.

vii. Dan l-aħħar qiegħed ikollna bosta immigranti li qegħdin jidħlu Malta (irregolari, regolarment, irregolarment).

4. Sib raġuni oħra minflok dik li hemm bħal fl-eżempju: (8)

i. Meta wasalt l-iskola, is-surmast kien diġà beda t-talba.

Meta wasalt l-iskola, is-surmast kien diġà qara l-avviż.

ii. Marija ma ħarġitx għax riedet tiekol.

Marija ma ħarġitx għax ___________________________.

iii. Mark ma lagħabx tajjeb għax ma kienx ittrenja sew.

Mark ma lagħabx tajjeb għax ____________________.

iv. Daniel ma riedx jaqra għax kien jistħi.

Daniel ma riedx jaqra għax ________________________.

v. Kont ilni ma nara lil Anna aktar minn sena.

__________________________ lil Anna aktar minn sena.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| Ċ. Malti Prattiku | (12-il marka) |
|---|---|

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tkompli dan ir-rapport f'gazzetta.

**MARA MAQTULA MINN KELB IL-BAĦAR**

Il-ġimgħa l-oħra ssejħu suldati u _______________ tal-Protezzjoni Ċivili biex _______________ kelb il-baħar li attakka u qatel mara li kienet qiegħda tgħum fil-bajja tax-Xlendi, Għawdex. Il-mara, turista Ingliża ta' 57 sena, inqatlet taħt għajnejn żewġha li kien qiegħed jgħum ftit ____________ 'l bogħod minnha. Il-_________________ ntalab iżomm 'il bogħod mill-inħawi. ________________ għall-pulizija qal li l-marki tal-gidma fuq il-katavru jindikaw li l-kelb il-baħar hu wieħed kbir. Il-_________________ tal-klieb il-baħar mhix daqstant komuni fl-ibħra ta' madwar il-gżejjer Maltin.

| pubbliku, | membri, | Kelliemi, | jikkaċċjaw, | preżenza, | metri |
|---|---|---|---|---|---|

| D. Letteratura | (12-il marka) |
|---|---|

**i. Proża**

## Ir-Raġel tal-Klieb



Il-klieb bdew jiżdiedu minn żmien għal ieħor. Kien joħroġ kmieni filgħodu, xkora battala taħt abtu, u jfittex bir-reqqa madwaru. Fil-laned taż-żibel kien hemm dejjem il-loqom tal-ħobż, forsi bċejjeċ tal-laħam u xi għadam, kull fdal ta' kull xorta ta' ikel mormi. Fit-toroq ukoll in-nies ma tagħtix kas tal-liġijiet tal-indafa u tixħet, b'xorti tajba, l-ikel li ma tridx.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Nies oħrajn kienu qalbhom ħanina: fuq wiċċ il-landa biswit il-bieb kienu jħ karta ta' gazzetta u jqiegħdu fuqha l-fdal tal-ikel, mifrud mill-bqija tal-iskart. S hemm kienet tasal l-iġjene tal-bhejjem. Xi drabi l-annimali tat-triq kienu jkunu laħqu għamlu ħerba u l-laned jitbattlu fuq il-bankina. Xi ġirien kienu jafuh sewwa lir-raġel u meta jfettlilhom kienu jiftakru fih.

*(silta minn **Ir-Raġel tal-Klieb** ta' Oliver Friggieri)*

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sinjal taħtha: (6)

(a) Ir-raġel fi xħin kien joħroġ jiġbor l-ikel għall-klieb?

i. Ir-raġel kien joħroġ jiġbor l-ikel għall-klieb filgħodu.

ii. Ir-raġel kien joħroġ jiġbor l-ikel għall-klieb filgħaxija.

(b) Għaliex xi nies kienu qalbhom ħanina?

i. Kienu qalbhom ħanina għax fuq gazzetta kienu jqiegħdu l-ikel.

ii. Kienu qalbhom ħanina għax kienu jagħtu xi flus lir-raġel.

(ċ) X'taħseb li tfisser "meta jfettlilhom kienu jiftakru fih"?

i. Tfisser li meta jfettlilhom iċemplulu.

ii. Tfisser li meta jfettlilhom iħallulu xi ikel għall-klieb.

**ii. Poeżija**

Maz-zuntier tal-knisja ż-żgħira
f'nofs il-wied ta' San Niklaw
kif iddoqq l-Ave Marija
kienu jinżlu l-mogħoż jirgħaw
kienu jinżlu
żewġ namrati
jinnamraw.

*(strofa minn **San Niklaw** ta' Joe Friggieri)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha:

(a) Il-knisja ż-żgħira tinsab (fi triq, ġo wied, fuq għolja).

(b) Il-wied jismu (Wied Qirda, San Ġorġ, San Niklaw).

(ċ) Il-mogħoż kienu jinżlu jirgħaw kif iddoqq (il-banda, l-Ave Marija, il-Glorja).

(d) Fil-wied kienu jinżlu wkoll (żewġ namrati, il-baqar, żewġ kaċċaturi).

(e) Il-kelma *jirgħaw* tfisser (jieklu u jinħaslu, jieklu u jorqdu, jimirħu u jieklu).

(f) Il-kelma li tirrima ma' *San Niklaw* hi (jinżlu, Ave Marija, jirgħaw).

| E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi | (30 marka) |
|---|---|

1. Qiegħed in-numri minn 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif f'rivista dwar Għawdex. (10)

| | |
|---|---|
| 'Il ġewwa mill-kosta wieħed jara għelieqi mtarrġa. | |
| L-ebda turista m'għandu jiġi Malta mingħajr ma jmur daqsxejn sa Għawdex. | **1** |
| Għawdex fih ukoll kosta tal-għaġeb. L-ilma baħar ħaffer ġo fiha ħnejjiet, għerien u xtut imrammla. | |
| Mur Għawdex u żgur li ma jiddispjaċikx! | |
| Għawdex hi gżira bi tliet għoljiet kburin, knejjes kbar daqs dinja u widien b'mitt elf fjura selvaġġa. | |
| U f'nofs l-għelieqi hemm il-belt Victoria li minnha joħorġu toroq li jeħduk f'kull rokna tal-gżira. | |

**U**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Ikteb madwar **200** kelma dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata. Il-
kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20

**i. L-isports.** (saħħa tal-ġisem u tal-moħħ; iżommna 'l bogħod mill-mard u mid-droga; isaħħilna l-karattru; liema sports nipprattika? fejn?; ma' min?; meta?)

***Jew***

**ii. Id-droga.** (problema li f'pajjiżna qed tikber; tipi ta' droga; min jeħodha l-aktar?; il-*peer pressure*; id-droga u s-serq/qtil; fejn tista' ssib l-għajnuna).

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers